MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' April, 2008

Appell Civili Numru. 8/2007

**Joe Hales**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fl-10 ta’ Awissu, 2007, l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> “L-Arbitru,
>
> Ra d-decizjoni tad-Dipartiment tal-14 ta' Ottubru, 2006 li permezz taghha awtorizza l-hlas tal-Pensjoni tar-Romol lil Hales mis-7 ta' Ottubru 2006, kif ukoll l-appell tieghu ta’ l-24 ta’ l-istess xahar.

> Instemghu kemm l-appellant kif ukoll id-Dipartiment u jidher li Hales kien ikollu dritt ghal pensjoni imsemmija minn meta giet nieqsa martu fl-2000, izda huwa m' applikax ghaliha hlief fit-28 ta' Settembru 2006; id-Dipartiment jikkontendi li l-appellant m' ghandux dritt ghal pensjoni ta' qabel ghaliex qatt ma applika, u dan a tenur ta’ l-Artikolu 97 minnhom ikkwotat.
>
> Dan l-Artikolu huwa car, izda jidher li l-pensjoni imsemmija mhix wahda li tithallas mill-Gvern bhala ghajnuna, izda titwieled minn hlasijiet li jkunu saru tul is-snin, cioe` kontributorja. Vera li l-ligi ma taghmel ebda distinzjoni izda waqt it-trattazzjoni rrezulta lil minn xi zmien 'l hawn, id-Dipartiment qieghed jibghat jinforma lill-beneficcjarji bhall-appellant b' din il-pensjoni. Fil-kaz ta’ l-appellant dan qatt ma gie mgharraf u jrid jigi osservat li huwa mar tempestivament jinforma lid-Dipartiment bil-mewt ta' martu; barra minn hekk huwa spjega t-trawma li huwa ghadda minnha wara l-mewt ta' martu.
>
> Fic-cirkostanzi l-Arbitru jifhem li kieku huwa, bhal beneficcjari ohra, gie mgharraf bid-dritt tieghu ghal pensjoni huwa kien jaghmel l-applikazzjoni opportuna u ghalhekk dan l-appell ghandu jigi milqugh b' mod li huwa jinghata l-pensjoni minn meta fil-fatt huwa kellu dritt ghaliha.”

Id-Direttur tas-Sigurta` Socjali jimmotiva l-appell tieghu minn din is-sentenza fis-sens illi l-Arbitru malament iddecieda l-kwestjoni li kellu quddiemu meta inkwadrata fil-parametri ta’ l-Artikolu 97 tal-Kapitolu 318;

Fis-semplicita taghhom il-fatti kif johorgu mill-inkartament tal-kaz quddiem l-Arbitru huma dawn. Sitt snin fuq il-mewt ta’ martu l-appellat applika ghall-Pensjoni tar-Romol. Id-Dipartiment approvalu din it-talba b’ effett mis-7 ta’ Ottubru 2006. L-appellat ressaq gravam quddiem l-

Arbitru biex jitlob li l-beneficcju minnu rikjest jinghatalu b' sehh mid-data tal-mewt ta' martu, jigifieri mis-26 ta' Ottubru, 2000. L-Arbitru laqa' dan l-ilment lilu sottopost ghax irraguna illi d-Dipartiment kien messu, fit-termini tal-*policy* minnu stess adottata, baghat javza lill-appellat bid-dritt tieghu ghal din ix-xorta ta' Pensjoni;

Premessi dawn il-fatti, id-Direttur appellant jikkontesta lill-Arbitru din id-decizjoni tieghu bid-deduzzjoni illi l-appellat naqas li jaghmel talba formali ghal dik il-pensjoni fit-terminu preskritt ta' sitt xhur mid-data minn meta romol, u, konsegwentement, dan ma kienx intitolat ghall-hlas ta' l-arretrati akkordati lilu mill-Arbitru;

F' termini rigidament legalistici meta ligi tippreskrivi l-mod u terminu ghall-prosegwiment ta' xi dritt, ma jistax, imbaghad, il-parti jippretendi illi ghan-nuqqas tieghu li josserva dik l-modalita jew li jottempera ruhu fit-terminu preskritt huwa ghandu xorta wahda jikkonsegwi l-beneficcju intier ta' dak id-dritt pretiz minnu. Jinsab, difatti, ritenut illi "jekk bniedem ikun jaf bi stat ta' fatt li jkun jintitolah jezercita dritt u jhalli dak l-istat ta' fatt jipprogredixxi minghajr ma jagixxi ghad-dritt tieghu … allura t-titolar tad-dritt jista' jitqies fic-cirkustanzi kongruwi li jkun irrinunzja ghall-prosegwiment ta' dak id-dritt". Ara "**Carmelo Calleja -vs- Carmelo Sciortino**", Prim' Awla, Qorti Civili, 30 ta' Novembru, 1971, per Imhallef Maurice Caruana Curran. Ma' dan hu akkoppjat il-principju l-iehor illi f' kull kaz l-pretendent tad-dritt kellu ghal dak l-istess stat ta' fatt jagixxi skond il-ligi. Dan ghaliex, kif saput, l-injoranza ta' ligi li tkun fis-sehh ma tistax titqies skuzabbli;

Il-Qorti tista' tkompli fuq dan il-binarju ta' hsieb billi zzid, dejjem mill-punto di vista purament legalistiku, illi ebda valur guridiku ma tista' tinghata lill-konsiderazzjoni illi dik l-injoranza tal-ligi tista' twassal ghall-konsegwenzi serji u inikwi. Opportunement, pero`, tajjeb jigi registrat ukoll, ghas-sens ta' gustizzja li wiehed lejha ghandu dejjem jaspira, il-hsieb sekolari illi "*la presunzione che il cittadino*

*conosce la legge non dev' essere troppo spinto ed indistintamente sempre applicata*" ("**Maria Xuereb -vs- Lorenzo Mifsud**", 27 ta' Jannar 1886, Vol. XI pagna 29);

Dan qed jigi rilevat ghaliex fil-kazijiet in ispecje, trattasi ta' beneficcju ghal liema l-kontribwent hu intitolat ghall-fatt tas-sodisfaciment tal-kontribuzzjonijiet minnu mhallsa, jidher li l-istess Dipartiment irrikonoxxa l-opportunita, jekk mhux ukoll id-dover tar-rapport prevedenzjali, illi jibghat javza lill-kontribwent bl-intitolarment tieghu. Prassi din indiskutibilment tajba ta' dik il-*customer care* li ttendi biex toffri lill-kontribwenti l-assistenza u gwida ghall-kisba tad-drittijiet tieghu;

Maghdud dan, din il-Qorti lanqas ma tista', imbaghad, tinjora l-kelma tal-ligi ghax, kif ukoll ritenut, "*appartenendo al potere giudiziario la sola applicazione delle leggi ai casi speciali che formano oggetto delle controversie, non è di sua competenza d' incaricarsi delle conseguenze che ne derivano da siffatte applicazioni*" ("**Gollcher -vs- Ostman**", Qorti tal-Kummerc, 1 ta' Marzu, 1866);

Din il-Qorti gja kellha okkazjoni tinvesti d-disposizzjoni ta' l-Artikolu 97 ta' l-Att dwar is-Sigurta` Socjali. Dan ghamlitu fid-decizjoni taghha ta' l-1 ta' Marzu 2006 in re: "**Valerio Valente -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**", ghal liema konsiderazzjonijiet fiha qed issir pjena riferenza. A propozitu, fiha nghad illi skond it-tifsira precettiva kontenuta fl-imsemmi artikolu l-kontribwent kellu jressaq talba formali ghall-beneficcju minnu aspettat ghax, fin-nuqqas li dik it-talba tieghu ssir fiz-zmien utli, hu jsofri l-konsegwenzi ta' dik l-applikazzjoni tardiva tieghu. Dan fis-sens illi dak il-beneficcju "jibda jghodd biss mill-jum li fih it-talba relattiva tkun accettata mid-Direttur bhala li tkun ufficcjalment ricevuta mid-Dipartiment". Ara proviso ghall-Artikolu 97 (2) ta' l-Att. Ma jidherx li din in-norma ta' ligi giet abrogata jew temprata minn xi regolament iehor. Guridikament imbaghad, il-*policy* dipartimentali fuq accennata, intrinsikament valida u ta' minn isostniha u

jippromwoviha, ma tistax tigi legittimament elevata ghal xi principju legali la ma ghandhiex bazi f’ xi ligi;

Irid jigi osservat, pero`, illi f’ din l-istess decizjoni l-Qorti ma naqsetx milli tippreciza illi, gjaladarba l-ligi kienet taffida lid-Direttur b’ diskrezzjoni prudenzjali, kien jinhass xieraq illi huwa, bl-uzu ta’ dik l-istess diskrezzjoni, ikejjel id-decizjoni tieghu b’ mod gust u sewwa u mhux bi prekoncetti legalistici. Kien ghalhekk li ghaddiet biex irrakkomandat f’ dak il-kaz partikolari, u dan ighodd ugwalment ghal kaz konkret prezenti, illi d-Direttur jikkonsidra positivament it-talba tal-kontribwent riferita lilu ghall-hlas ta’ l-arrettrati tal-beneficcju reklamat. Dan wara li rrilevat is-segwenti:-

“Din il-Qorti tillimita ruhha biex tosserva, u dan mhux b’ prerogativa specjali imma ghax il-kaz hekk jissuggerixxi, illi jekk, fl-apprezzament, il-fattispeci jwasslu ghad-deduzzjoni li tissodisfah illi ma kien hemm xejn li jimporta traskuragni kolpuza jew semplici inavvertenza jew zvista jew zball da parti ta’ l-appellant allura d-diskrezzjoni tieghu, skarna minn attitudni legalistika irrigidita`, ghandha tikkonducih biex jilqa’ favorevolment it-talba ta’ l-appellant, …”. *Multo magis*, ghandu jkun hekk ukoll f’ dan il-kaz fejn jirrizulta illi l-appellat ma giex gwidat kif imiss fl-okkazjoni meta informa lid-Dipartiment bid-decess ta’ martu.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, filwaqt li legalment ma ghandhiex xelta ohra hlief li tilqa’ l-appell, vivament tirrakkomanda lid-Direttur appellant biex bl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tieghu jilqa’ t-talba ta’ l-appellat ghall-konsegwiment tal-hlas ta’ l-arretrati tal-Pensjoni tar-Romol. L-ispejjez gudizzjarji jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------